# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum l-10 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 73 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Albert SCHEMBRI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Albert SCHEMBRI detentur tal-karta tal-identità bin-numru 314656M fejn ġie mixli:

    Talli nhar it-23 ta' Frar 2017 għall-ħabta ta' 14:00hrs bil-vettura ALB 001 ġewwa limiti tas-shooting range tal-AFM, Pembroke:

    1. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, aċċeda l-limitu ta' veloċità;
    2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;
    3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;
    4. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
    5. Meta kien involut f'inċident tat-traffiku, li kien jinvolvi offiża fuq persuna oħra jew ġiet ikkaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà oħra, naqas li jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, u/jew

informazzjoni tas-sid tal-vettura, id-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta' reġistrazzjoni tal-vettura lil uffiċjal tal-Pulizija, gwardjan lokali jew lil persuna li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk;
6. Ġiegħel annimal isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u/jew abbanduna xi annimal.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq. Il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' Paul Simon Saliba jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku skont il-provedimenti tal-Art 383 u 412C Kap 9 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjament L.S. 65.11 Artiklu 127; Kap 65 Artiklu 15 1 (a), 2; Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3); LS 65.11 Artiklu 67 (1) u Kap 439 Artiklu 8 (2) u semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha, stqarret illi jirriżulta li l-akkużat kien qed isuq ġo triq dejqa u seta' kkawża inċident lill-passant Paul Saliba u lill-kelb tiegħu iżda dana ma seħħx. Għal dawn il-motivi illiberatu mill-akkużi numri wieħed (1), tlieta (3), erbgħa (4), sitta (6) u sabitu ħati tal-akkużi numri tnejn (2) u ħamsa (5) u mmultatu multa komplessiva ta' €150.00 u għal darba waħda biss, il-liċenzja ma ġietx sospiża.

3. Illi minn din is-sentenza Albert SCHEMBRI interpona appell permezz ta' rikors datat 27 ta' Frar 2018 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata wara li saħaq is-segwenti: -

F'dan il-każ kien hemm mhux biss konflitt ta' provi imma l-verżjoni li ta Albert Schembri kienet l-iktar waħda veritiera. Fir-ranges u f'dak id-djuq ċertament ma setax isuq bi speed qawwi kif ġie allegat kontra tiegħu.

Illi lanqas ġie esebit xi ċertifikat tal-kelb li qal illi weġġa' Paul Simon Saliba. Meta kien mistoqsi qal illi huwa ma ħadu għand l-ebda veterinarju u ma ġab l-ebda ċertifikat għaliex kellu esperjenza kif jitratta l-kelb huwa stess. Hu mbagħad qal illi l-kelb m'għandu xejn.

Illi barra minn hekk, meta wieħed jara l-affidavit tal-Pulizija, isib illi waqt illi l-każ kien allegat fit-23 ta' Frar 2017, Paul Simon Saliba mar jagħmel rapport fl-1 ta' Mejju 2017 rigward in-numru tal-vettura.

Għandu jingħad ukoll illi l-allegazzjoni tal-kelb fi triq pubblika u li żammu mingħajr ċinga ma kinitx qed tirrendi s-sitwazzjoni faċli, però minkejja kollox Albert Schembri kien qiegħed isuq bil-mod. L-aktar ħaġa importanti kienet minħabba illi f'dik it-triq il-vettura tiegħu qadima kemm hi qadima, titkisser u taqa' biċċiet minħabba l-ħofor kbar illi hemm.

Dan mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat.

***Ikkunsidrat:***

4. Illi mill-provi jirriżulta illi nhar it-23 ta' Frar 2017 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar, il-Pulizija ntablu jagħtu assistenza fuq rapport ta' kelb li kien safa' mtajjar minn vettura viċin tax-*shooting range* tal-AFM ġewwa Pembroke. Kif waslu fuq il-post il-Pulizija tkellmu ma Paul Simon Saliba. Dan stqarr li filwaqt li hu kien għaddej f'passaġġ dejjaq mal-kelb tiegħu - li ma kienx marbut biċ-ċinga – għadda raġel isuq *Land Rover* li tajjarlu l-kelb. Skond Saliba, il-vettura in kwistjoni għaddiet minn miegħu b'saħħitha tant illi huwa qaleb għal fuq ix-xagħri fil-ġenb. Sar xi diskors bejniethom, is-sewwieq tal-*Land Rover* niżel mill-vettura, Saliba reġa' qallu xi kliem, is-sewwieq reġa' daħal fil-vettura tiegħu u saq, laħaq lil Saliba minn wara iżda l-kelb ma laħaqx resaq bil-konsegwenza li tajjru. Saliba prova jiġri wara l-vettura biex jieħu n-numru tar-reġistrazzjoni iżda ma rnexxilux jagħmel dan.

5. Il-Pulizija taw assistenza lil Saliba u lill-kelb tiegħu li kien jidher pjutost magħdur u ma setax iqum fuq saqajħ ta' wara u kien mitluq mal-art. Sussegwentement wara li Saliba kien ra l-istess vettura fl-istess inħawi ta' Pembroke fl-1 ta' Mejju 2017, huwa reġa għamel kuntatt mal-Pulizija li ġew infurmati illi l-*Land Rover* in kwistjoni kellha n-numru ta' reġistrazzjoni ALB001.

6. Mill-istħarriġ tal-Pulizija irriżulta illi din il-vettura kienet irreġistrata fuq l-appellant li ġie mitkellem mill-Pulizija. Wara li l-appellant ingħata d-debita twissija u d-drittijiet legali tiegħu, huwa għażel li jirrifjuta l-assistenza legali. L-appellant ikkonferma li verament kien qed isuq fuq il-post, iżda stqarr illi Saliba sempliċiment resaqlu fil-ġenb bil-kelb tiegħu. Qal illi mill-mera seta jara lil Saliba jxejjer idejħ iżda hu ma kienx jaf x'ġara. L-appellant saħaq li ma ndunax li laqat il-kelb; iżda jekk għamel dan, kien il-każ li laqtu bil-ġenb tal-vettura għax kieku laqtu bin-naħa ta' quddiem kien joqtlu.

7. L-appellant allega li huwa kien qiegħed isuq bil-mod minn dan il-passaġġ. Fil-fehma tiegħu, Saliba kellu għaliħ u kien mqabbad miegħu peress illi innutaħ joħodlu xi ritratti ġewwa Pembroke ftit jiem qabel ma kkuntatjawħ il-Pulizija fuq dan il-każ. L-appellant tressaq il-Qorti fejn wara li nstemgħu l-provi quddiem l-ewwel Qorti, hu nstab ħati talli saq vettura b'nuqqas ta' kont u talli ma waqafx wara li kien involut f'inċident fejn seta' kkaġuna ħsarat lill-

persuna, annimal jew propjeta, filwaqt illi ġie lliberat mill-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat:***

8. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

9. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

10. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx

---

minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

11. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

12. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

13. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

14. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

15. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

16. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

---

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

17.L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

18.Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

19. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta'

Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

20. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

21. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

22. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

23. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

24. Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

25.Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

26.Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u dibju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx, u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:***

27.Illi l-appellant jisħaq li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minnu hija ferm aktar kredibbli u attendibbli minn dik tal-parte ċivile. Jgħid li

għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx legalment u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra. B'riferenza għas-sejbien ta' ħtija fuq il-ħames imputazzjoni huwa jgħid li ma tressqitx il-prova taċ-ċertifikat ta' veterinarju li jikkonferma li l-kelb safa' ferut mill-appellant. Jgħid ukoll li r-rapport aħħari bid-dettalji kollha relattivi seħħ f'Mejju 2017 meta l-inċident propja seħħ fi Frar tal-istess sena.

***Ikkunsidrat : -***

28. Illi qabel xejn l-appellant ġie misjub ħati ta' sewqan ta' vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont. Għalkemm l-appellant ma ġiex misjub ħati li huwa eċċeda l-limitu tal-veloċita, u l-appellant saħaq li huwa ma kienx qiegħed isuq b'veloċita kbira kif kien allegat mill-parte civile u mix-xhud Vella Laurenti, xorta jibqa' l-fatt li l-element tal-veloċita jrid ukoll jittieħed in konsiderazzjoni flimkien ma fatturi oħra bħal per eżempju l-konfigurazzjoni tat-triq li tkun u ċ-ċirkostanzi prevalenti fit-triq fil-post fejn il-vettura tkun qegħda tiġi misjuqa.

29. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi

moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[10]

30.Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*.

31.Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

32.Fil-fehma tal-Qorti l-imputat naqas milli josserva dawn ir-regoli kardinali u kien konsegwenza t'hekk li seħħ dan l-inċident. Skont

[10] bħal mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel***, deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]). [11]

33. Dawn il-prinċipji huma wkoll ribaditi f'sentenzi ta' dawn il-Qrati li jolqtu r-rabta bejn l-element tal-veloċita li biha vettura tkun qed tiġi misjuqa u l-ambjent li fih tkun qed tiġi misjuqa. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Stephen Zammit*** dik il-Qorti rriteniet illi

> ..Velocita` tista' tkun eccessiva anke jekk ma jeccedix dak regolamentari izda jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.[12]

34. Fl-istess vena ġiet deċiża wkoll is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Robert Pace***, fejn din il-Qorti diversament ippreseduta kkunsidrat illi :

> Dik li tista' tkun velocita` "normali" ghal persuna mhux necessarjament tkun velocita` oggettivament addattata ghal lokalita` partikolari u ghal kundizzjonijiet ambjentali partikolari'.[13]

---

[11] Ara wkoll is-sentenza ***Il-Pulizija vs Alfonso Abela***, deċiża nhar l-10 ta' Marzu 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-imħallef Joseph Gelea Debono.

[12] Deċiża nhar l-10 ta' Lulju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

[13] Deċiża nhar it-8 ta' Ġunju 2001 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

35.Illi mix-xiehda tal-kwerelant kif ukoll t'Anna Maria Vella Laurenti, ġie pruvat li l-appellant kien qed isuq f'dak il-passaġġ b'veloċita li kienet deheret qawwija. Paul Simon Saliba jgħid li hu beża għall-inkoluminita' tiegħu u tal-kelb li kellu miegħu meta ħaseb li kien ser jintlaqat mill-vettura misjuqa mill-appellant. Skond l-appellant dan mhuwiex minnu peress illi t-triq kif inhi lanqas tippermetti li jkun hemm sewqan eċċessiv jew qawwi kemm għax din hija triq dejqa kif ukoll għax mimlija ħofor kbar. Madankollu din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddubita minn dak li xehdet Vella Laurenti illi insertat kienet fl-inħawi meta seħħ il-każ u li ddeskriviet is-sewqan tal-vettura tal-appellant bħala waħda 'sparata' u li kwindi jikkorobora dak li qal l-kwerelant dwar l-istess.

36. Għalkemm ma ġiex pruvat li l-appellant eċċeda l-limiti prekritti tal-veloċita f'dik iż-żona, jibqa' l-fatt li meta jittieħed kont tan-natura u għamla ta' vettura li kien qiegħed isuq, il-mod kif kien qiegħed isuq, il-konfigurazzjoni tat-triq li fiha kien qiegħed isuq, u l-fatt li minn dik it-triq partikolari irriżultaw li kienu għaddejjin xi persuni fosthom l-appellant u Vella Laurenti, is-sewqan tal-appellant kien jirrekjedi aktar attenzjoni u kawtela. Din il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li s-sewqan tal-appellant, f'dawk iċ-ċirkostanzi, u bil-mod deskritt mix-xiehda, kien jinkwadra ruħu f'sewqan b'nuqqas ta' kont. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-Qorti tal-

Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tat-tieni mputtazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat:***

37. Illi għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija tal-ħames imputazzjoni, ir-reat kontestat fil-ħames imputazzjoni jaqra' hekk : -

> 67.(1) F'kull każ, fejn minħabba vettura bil-mutur fi triq, jiġri xi inċident li jkun jinvolvi offiża fuq persuna oħra jew tiġi kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà oħra, id-driver tal-vettura bil-mutur għandu jieqaf u, jekk ikun meħtieġ li jagħmel dan minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna, li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

38. Mix-xiehda tal-kwerelant u dik tal-appellant jirriżulta li l-inċident kien maqsum f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kienet dik fejn il-kwerelant jgħid li l-appellant saq il-verttura tiegħu b'veloċita għolja – *għadda sparat minn ħdejja, litteralment kważi baraxni*. Hemmhekk il-kwerelant jammetti li offenda lis-sewwieq. Is-sewwieq niżel mill-vettura u kien hemm skambju ta' kliem ieħor. L-appellant ma jammettix li kien qed isuq b'veloċita għolja, iżda jaqbel li ra lill-kwerelant jagħmel xi mossi b'idu, hu waqaf, niżel mill-vettura tiegħu u kien hemm skambju ta' kliem. F'dan l-istadju tal-inċident ma jirriżultax li l-appellant kien ikkawża xi offiża fuq persuna oħra jew tiġi kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà oħra.

39. Biss imbagħad minn hemm tirriżulta diskrepanza dwar dak li seħħ wara. L-appellant u l-kwerelant jaqblu li l-appellant reġa tela' fil-

vettura u saq viċin tal-kwerelant. L-appellant jgħid li kif huwa saq il-kwerelant mar quddiem il-karozza tiegħu u beda jmur fin-nofs tat-triq u jagħmillu sinjal biex itajru; għalkemm imbagħad il-kwerelant niżel mal-ġenb tat-triq għal isfel bil-kelb b'kollox u l-appellant jgħid li huwa baqa' għaddej. Mill-banda l-oħra il-kwerelant jgħid li wara li s-sewwieq niżel mill-vettura u kellhom id-diverbju – fejn is-sewwieq kien xlieh li kien qiegħed miexi fin-nofs tat-triq u li huwa kellu jorbot lil kelb – il-kwerelant kompla miexi fit-triq, jisma' lis-sewwieq jerġa jistartja l-vettura u saq lejh għal darb'oħra. Kif dar, sab il-karozza kważi fuqu tant li kellu jżul minn nofs billi qabeż (fil-ġenb tat-triq) fejn hemmhekk huwa weġġa' rasu filwaqt li l-vettura laqtet jew rifset (*ran over*) lil kelb tiegħu. Il-kelb beda jwaħwaħ u jdur fuq dahru f'forma ta' ċirku u ma setgħax jimxi. Il-kwerelant telaq jiġri biex jipprova jilħaq lill-vettura tal-appellant biex jeħodlu n-numru tat-targa, iżda ma rnexxilux. Wara waslu l-Pulizija u sabu lil kelb miġugħ u ħaduh bil-karozza tas-servizz.

40. PS780 I. Camilleri mar fuq il-post u nnota li l-kelb kien imweġġa tant illi l-kelb filfatt inġarr bl-assistenza tal-Pulizija stess. Huwa minnu illi ma tressqitx prova ta' ċertifikat veterinarju li jikkonferma l-kelb effettivament ġie mweġġa'. Iżda jekk annimal ikunx sofra ħsara f'ġismu hija kwistjoni ta' fatt u li għalhekk hija rimessa lill-Ġudikant tal-fatt li jiddeċiedi jekk kienetx seħħet u f'każ affermattiv meta u kif. B'riferenza għal sitwazzjonijiet t'offiżi fuq il-persuna ta' annimal/bniedem, din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*** mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004 intqal is-segwenti:

> Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.[14]

41. *Multo magis*, għalkemm l-opinjoni ta' veterinarju setgħet kienet tgħin aktar lill-Ġudikant, il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm offiża jew l-entita ta' din l-offiża fuq l-annimal ma kienetx kwistjoni li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuqha. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak il-kejl li japplika għall-bniedem għandu, *a maggior ragione* japplika wkoll għal kelb.

42. Kwindi din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kellha provi biżżejjed biex legalment u raġonevolment tqis li l-kelb effettivament intlaqat mill-vettura misjuqa mill-appellant, li l-appellant saq minn fuq il-post b'ċertu veloċita tant li l-kwerelant ma laħaqx miegħu meta telaq jiġri warajh biex jipprova jeħodlu n-numru tat-targa tal-*Land Rover;* kif ukoll li wara li l-appellant kien laqat lil kelb, a differenza ta' dak li kien seħħ fl-ewwel episodju din id-darba l-appellant ma waqafx bil-vettura tiegħu wara li kien laqat lill-kelb, u wisq anqas għalhekk forna d-dettalji tiegħu imsemmija fir-regolament *de quo*.

[14] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano.

43. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li fil-mument li l-vettura tal-appellant laqtet lil-kelb tal-kwerelant, huwa ma ndunax li kien laqat mess jew rifes lil dan il-kelb – annimal ħaj li jħoss u li meta jiġi mweġġa' jagħmel reazzjoni immedjata, inkluż bi krib. Kwindi anki f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ kien ukoll integrat ir-reat ipotizzat fil-ħames imputazzjoni.

# ***Deċide***

Għall-dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***